30 ta' Ġunju 2017
51/2017

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA MATUL IX-XAHAR TA' LULJU 2017**

Il-Ħadd 2 ta' Lulju 2017, fil-11:00 a.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna jamministra s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof lill-adolexxenti fil-Parroċċa tal-Manikata.

Il-Ħadd 9 ta' Lulju, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti l-pussess lil Fr Brian Gialanzè, bħala l-Kappillan il-ġdid tal-Kalkara.

It-Tlieta 11 ta' Lulju, fil-5:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa Solenni fil-Festa ta' San Benedittu, fil-Monasteru ta' Santa Skolastika, il-Birgu.

L-Erbgħa 12 ta' Lulju, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, fl-okkażjoni ta' Jum il-Pulizija. Fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa biex jitfakkar il-50 anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-Knisja ta' Kristu Re, Raħal Ġdid.

Is-Sibt 15 ta' Lulju, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa, lejlet il-Festa ta' San Ġużepp, fil-Parroċċa tal-Imsida.

Il-Ħadd 16 ta' Lulju, fis-6:00 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu, fil-Bażilka tal-Madonna tal-Karmnu, il-Belt Valletta.

Is-Sibt 29 ta' Lulju, fis-7:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa, lejlet il-Festa ta' Sant'Anna, fil-Parroċċa ta' Wied il-Għajn.

It-Tnejn 31 ta' Lulju, fis-7:30 p.m., Monsinjur Arċisqof ibierek l-istatwa titulari ta' San Pietru fi tmiem proġett ta' restawr, fil-Parroċċa ta' Birżebbuġa.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**